MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 491/2008

Nexos Street Lighting Limited (C 37549)

Vs

Joseph Farrugia bhala Sindku tal-Kunsill Lokali ta’ Birzebbugia u George Galea bhala Segretarju Ezekuttiv u l-Korporazzjoni Enemalta.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi i. hija giet imqabbda mill-konvenuti sabiex twahhal 121 *demarcations on pole* f’Birzebbugia; ii. illi dawn id-*demarcations* jammontaw ghal tlett elef, mitejn u wiehed u erbghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€3241.36) u dan kif jidher minn *invoice* numru 2006061 datat 7 ta’ Awissu 2006; iii. illi l-konvenuti Kunsill Lokali ta’ Birzebbugia gew interpellati sabiex ihallsu u dan permezz tal-ittra ufficjali 1900/08 izda baqghu inadempjenti. Ghalhekk talbet is-socjeta’ attrici li jghidu l-konvenuti

ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jiddikjara min huwa responsabbli ghall-hlas tal-ammont dovut u sussegwentement jordna lil min hu responsabbli ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3241.36, inkluz l-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti Joseph Farrugia bhala Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbugia u George Galea bhala Segretarju Ezekuttiv, li eccepew illi huma fil-kwalita' taghhom ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici stante li huma qatt ma ordnaw jew b'xi mod inkarigaw lill-istess socjeta' attrici twahhal il-121 *demarcations on pole* f'Birzebbugia kif qed jigi allegat. Illi bla pregudizzju ghall-premess, tali xogholijiet jaqghu taht r-responsabbilta' tal-Korporazzjoni Enemalta u mhux tal-Kunsill Lokali u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet illi preliminarjament il-procediment fil-konfront ta' l-Enemalta huwa null ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-Korporazzjoni Enemalta qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali; u li fil-mertu, l-Korporazzjoni Enemalta m'ghandha thallas xejn ghax-xogholijiet in kwistjoni, u l-ammont pretiz assolutament mhuwiex dovut. Bl-ispejjes.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Korporazzjoni Enemalta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha l-Korporazzjoni Enemalta qed teccepixxi li l-procediment fil-konfront taghha huwa null ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hija qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali.

Illi l-istess artikolu 460 tal-Kap 12 jiddisponi hekk kif gej:-

(1) '*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita' jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car.*'

Peress illi huwa car li l-Korporazzjoni Enemalta ma tinkwadrax ruhha taht id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fis-sens illi la hija l-Gvern, u lanqas xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, u lanqas ma hi xi persuna b'kariga pubblika fil-kwalita' ufficjali taghha, ma kien hemm l-ebda necessita' li din l-istess Korporazzjoni tigi notifikata b'ittra ufficjali qabel ma giet ipprezentata din il-kawza. Ghalhekk, il-procedimenti odjerni kontra taghha bl-ebda mod m'huma nulli.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta, bl-ispejjes kontra taghha, u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------